MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 1203/2002

**Rachel Montebello**

**vs**

**Steve Axiaq**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti ccelebraw zwieg bejniethom fil-15 ta' Frar 1997 gewwa l-Knisja Parrokkjali taz-Zejtun, skond ma jirrizulta mic-Certifikat taz-Zwieg relattiv li kopja tieghu hi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. "A";

Illi fiz-zmien illi gie ccelebrat iz-zwieg, il-kunsens tal-partijiet inkiseb bi vjolenza morali jew il-biza';

Illi ulterjorment, il-kunsens tal-partijiet kien ivvizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li kienet taghmilha mpossibbli ghalihom illi jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi *inoltre* l-kunsens tal-konvenut inghata b’eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew ghad-dritt ghall-att taz-zwieg, u senjatament l-element tal-fedelta`;

Illi ghalhekk iz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti huwa null u bla effett fil-Ligi ghall-fini tad-dispozizzjonijiet ta’ l-Artikolu 19 ta’ l-Att dwar iz-Zwieg ta’ l-1975;

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara z-zwieg celebrat bejn il-partijiet nhar il-15 ta’ Frar 1997, null u bla effett fil-Ligi *ai termini* ta’ l-Artikolu 19 ta’ l-Att dwar iz-Zwieg ta’ l-1975 u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa’ minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 12 tal-process;

Rat in-nota tal-attrici datata 5 ta’ Novembru 2002 li permezz taghha esebiet ic-certifikat taz-Zwieg bejn l-istess kontendenti.

Rat in-nota tal-attrici tas-17 ta’ Marzu 2003 li permezz taghha esebiet l-affidavit ta’ Attilio Montebello, ta’ Maria Assunta Montebello u ta’ Conrad Montebello.

Rat il-verbal tat-18 ta’ Marzu 2003 fejn il-Qorti pprefiggiet terminu ta’ ghoxrin (20) gurnata lill-konvenut biex jipprezenta nota t’osservazzjonijiet tieghu bin-notifika lill-

kontro-parti li jkollha l-istess terminu biex tirrispondi. Il-kawza giet differita ghall-lum 4 ta’ Gunju 2003 ghas-sentenza.

Rat li l-konvenut *nonostante* li gie debitament notifikat bic-citazzjoni attrici u bl-avviz tas-smiegh tal-kawza baqa’ ma pprezenta l-ebda nota t’eccezzjonijiet u ghalhekk baqa’ kontumaci.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PROVI PRODOTTI.

Illi l-attrici **Rachel Montebello** tat ix-xhieda taghha permezz tal-procedura tal-affidavit fejn sostniet:-

*“Jiena bdejt nohrog ma’ Steve Axiaq meta kien ghad kelli biss (14) erbatax-il sena, filwaqt illi hu kien sena akbar minni. Bdejna nohorgu flimkien tista’ tghid mill-ewwel wara li konna ltqajna l-Kazin tal-Beland, iz-Zejtun stess, fejn konna nkunu ghaliex ahna t-tnejn Zwieten.*

*Meta bdejt nohrog ma’ Steve, jiena ma kellix hbieb u wisq anqas hbieb tal-qalb, ghaliex sa dak iz-zmien, ommi ma kinetx thallini nohrog wahdi. Fil-fatt, ghalkemm illum wara li jiena sseparajt ommi waqfet mieghi, jiena u nikber, qatt ma kelli xi relazzjoni tajba ma’ ommi, ghaliex hi ma tantx kienet tifhimni, u kienet xi ftit jew wisq ‘strict’. Jiena kont naraha ghala l-antika lil mama’, u fil-fatt kien ikolli genn biex nitlaq ‘il barra mid-dar peress li maghha ma tantx kont ningieb. Ghalhekk, malli bdejt nohrog ma’ Steve, fih sibt il-kumpanija li tant kelli bzonn u kont nieqsa minnha.*

*Sa minn qabel iz-zwieg jiena u Steve kien ikollna hafna argumenti, u sahansitra kien hemm xi okkazjonijiet fejn Steve anke refa’ jdejh fuqi, tant li darba, fil-bidu li konna nohorgu flimkien, kien kaxkarni, wara li kellna argument banali. Imma mbaghad kien ighid li jiddispjacih, u kont*

*nahfirlu. Wara kollox, is-swat ma kienx ta' kuljum, anzi nghid illi filwaqt li l-glied kien spiss hafna, id-daqqiet ma kinux u allura kont insib kull skuza biex inkompli mieghu. Dan l-aktar minhabba l-fatt illi sa dak iz-zmien, kif ghidt, jien ma kellix hbieb u ftit kont naf l-affarijiet tad-dinja. Meta bdejt nohrog ma' Steve, ommi kienet dejjem twissini biex ma jkollix x'naqsam mieghu, ghax skond hi l-ebda guvni ma kien ser ikun iridni jekk ikolli x'naqsami ma' haddiehor. Kliemha ken: "oqghod attenta ghax hadd ma jrid mara wzata".*

*Sfortunatament, jiena ma smajtx minn ommi f'dan is-sens, u fil-fatt, wara ftit xhur li kont nohrog ma' Steve, kien ikollna x'naqsmu pjuttost regolarment. Imma kliem ommi li ladarba issa ma kontx vergni, hadd ma kien ser ikun iridni, dejjem baqa' go mohhi. U ghalhekk, anke jekk minhabba l-argumenti li kien ikollna jien u Steve, u specjalment meta kien jerfa' jdejh fuqi, kont gieli nahsibha li nitilqu, kien ikolli biza' kbir li nispicca wahdi ghax hadd ma jkun iridni, u allura kont nirraguna, li issa la krejtha noqghod ghaliha. Minhabba f'hekk, ma tlaqtux lil Steve kemm domna gharajjes.*

*Wara tliet snin li konna nohorgu flimkien, kont inqbadt tqila. Hadna xokk kbir it-tnejn li ahna, ghaliex la konna qed nistennewha, u wisq anqas konna preparati ghaliha dil-bicca tax-xoghol. Fil-fatt, qabel ma hrigt tqila jiena, qatt ma kellna ebda hsieb taz-zwieg, ghax wara kollox jien kien ghad kelli biss (17) sbatax-il sena u hu tmintax (18).*

*Malli ghidna lill-genituri taghna, donnu ma kienx hemm triq ohra ghalina hlief iz-zwieg, specjalment ghal ommi u missier Steve li ghamluha fatta li issa konna se nizzewgu malajr malajr, avolja konna ghadna tfal, u llum ninduna kemm ma konniex preparati ghal bidla daqshekk kbira f'hajjitna. Barra minn hekk, jien issa bdejt niehu kliem ommi vangelu, fis-sens ii issa, b'tarbija, zgur li hadd ma kien ser ikun iridni, u allura Steve biss kien li seta' jizzewwigni. Ghalhekk, anke minhabba din il-pressjoni tal-familja u ghal wicc in-nies, sibna ruhna mizzewgin, u ftit xhur wara, ovvjament, bit-tarbija Naomi. Bi sfortuna ghalija, kien biss wara li zzewwigt, li kont sibt il-kuragg li*

*nitkellem dwar affarijiet sesswali ma' shabi tax-xoghol (li kont ili nahdem maghhom ftit xhur u bdejt inrabbi xi ftit tal-kunfidenza) u ndunajt illi haddiehor, avolja ma jkunx mizzewweg, ikollu x'jaqsam ukoll, u b'daqshekk ma jigri xejn. Imma ghalija, din l-informazzjoni, giet tard wisq.*

*Sadanittant, malli hrigt tqila, mill-ewwel beda jberraq. Fil-fatt, f'dan iz-zniien, lil Steve kienet cemplitlu certu Christine, tfajla Kanadiza, li kienet ghamlet hafna premura biex imur ghaliha fejn kienet dak il-hin stess. Steve qatt ma kien semmiha lil din it-tfajla u jiena ma kontx naf min kienet, izda din il-bicca ma ghogbitni xejn, u dak il-hin ma tantx ghaddewli hsibijiet sbieh minn mohhi. Hassejt li Steve kien qed jahbili xi haga, u ghidtlu li se nitlaq. Imma ovvjament, sadanittant, id-diskors li rrid nitlaq kien paroli biss, ghax kelli wisq pressjoni biex nizzewweg.*

*Sadanittant, malli ddecidejna li nizzewgu, f'dawk l-ahhar tliet (3) xhur qabel izzwieg, il-glied bejni u bejn Steve zdied, ghax nahseb avolja bid-diskors iddecidejna li nizzewgu, ta' tfal li konna, it-tnejn konna ghadna mmaturi u mhux kapaci nidhlu ghar-responsabbilta' taz-zwieg, u minhabba f'hekk, b'din il-pressjoni kollha, konna ninfexxu f'xulxin. Anke dak iz-zmien, darba minnhom, f'xi argument minnhom, Steve qabbizni mill-karozza 'l barra, minghajr ma biss gab rispett ghall-fatt li kont tqila.*

*Il-preparazzjonijiet kollha ghat-tieg ghamilthom jien flimkien ma' missieri, ghax Steve ma tantx kien jinteressah, u strah ghal kollox fuqi f'dil-bicca. Imma, bit--tajjeb jew hazin, jiena u Steve zzewwigna fil-15 ta' Frar 1997. Steve kien ghal kollox negattiv u biered fl-attitudini tieghu lejja. Anke waqt it-tieg stess kien aggressiv ghax malli dhalna s-sala, ghajjarni bi kliem oxxenn sempliciment ghax ghidtlu li kien qed jirfisli l-libsa.*

*Il-problemi fiz-zwieg bdew immedjatament minhabba l-fatt illi Steve baqa' jinsisti li nghixu ghand ommu, bil-konsegwenza li ahna ma kellna l-ebda 'privacy' u ftit li xejn konna nqattghu hin flimkien. Fil-fatt, malli zzewwigna, Steve kien johrog u jhallini wahdi mal-genituri tieghu, l-aktar ma' missieru, ghaliex ommu kienet tahdem.*

*Imbaghad, f'Awissu ta' l-1997 twieldet Naomi. Fil-frattemp l-affarijiet bejni u bejn Steve, kienu hzienu hafna. Peress illi jiena kont nahdem bix-'shift', hassejt il-bzonn li mmur id-dar tal-genituri tieghi sabiex ikunu jistghu jiehdu hsieb it-tifla fil-hin li jiena u Steve konna nkunu x-xoghol, peress illi omm Steve ma setghetx izzommhielna ghax kienet tkun xoghol. Fl-ahhar ikkonvincejtu, u nzilna noqoghdu ghand ommi. Imma xorta, Steve ma nbidilx u aktar ma jghaddi zzmien aktar beda jsir indifferenti ghalija. Fil-fatt, kemm domna noqoghdu ghand ommi, Steve baqa' dejjem jiekol u jinhasel ghand ommu u mbaghad johrog, minflok iqatta' l-hin mieghi u mat-tifla.*

*Fil-fatt, Steve baqa' jinsisti biex nergghu mmorru nghixu ghand ommu u kien hemm zmien li anke qisu tani ultimatum. Jiena min-naha l-ohra, bhal ma jaghmlu l-maggoranza tal-koppji mizzewga, xtaqt li nghixu ghal rasna fil-post taghna, jekk niccaqalqu minghand ommi. Ma kont qed nippretendi xejn ta' barra minn hawn, izda ghal Steve dan kien piz kbir, ghaliex hu ried jibqa' jghix hajja ta' guvni minghajr hsibijiet, u ma riedx li jsib ruhu mghobbi b'responsabbiltajiet ta' missier u ta' ragel mizzewweg. U l-post konna xtrajnih gebel u saqaf, allura biex nidhlu fih, kien ikun hemm bzonn li hu jmidd ghonqu ghax-xoghol, ghax ovvjament, fil-pozizzjoni li konna ma stajniex inqabbdu lin-nies. Sakemm isseparajna, il-post kien ghadu gebel u saqaf ghax Steve qatt ma ghamel xejn fih.*

*Fil-fatt, Steve qatt ma kien serju jew responsabbli bizzejjed biex imqar izomm impieg. Kemm domt mieghu, bidel ix-xoghol hames (5) darbiet. Dejjem igib ruhu hazin u jispiccaw ikeccuh. Anke zijuh stess keccih wara li kien skarta mix-xoghol sabiex imur jghum. Jien kemm-il darba kont inwissih li ma jistax jibqa' sejjer hekk, specjalment meta twelditilna t-tifla ghaliex il-flus mhux ser jaqghu mis-sema. Fil-fatt, illum sirt naf illi minn impieg minnhom tkecca ghax qabduh ma' xi tfajla l-ufficcju.*

*Il-hajja sesswali ta' bejnietna matul iz-zwieg kienet kwazi spiccat ghal kollox. Qabel ma zzewwigna, jiena u Steve*

*kien ikollna x’naqsmu flimkien regolarment, izda wara z-zwieg Steve bired u kien igib kull skuza biex jevita kwalunkwe kuntatt mieghi. Kont inhoss li kollox kien sfurzat, u Steve kien dejjem jghid li kien ikun ghajjien. Ma baqax ifittixni u ghalkemm ma ridtx nammetti, bdejt ninduna li Steve ma kienx jinteressah minni. Illum ninduna li ma kienx ifittex lili, ghax ovvjament, kellu wicc haddiehor.*

*Ghall-habta ta’ Novembru tas-sena 2000, jiena u Steve konna mistednin ghal riceviment, fejn kien hemm ukoll hbieb taghna. Steve kien xorob xi grokk zejjed, u bil-wicc tost kollu beda jiftahar mal-mistednin dwar kemm-il darba qalibhieli u li qal li fil-fatt kien ser ikollu tarbija minn mara ohra, li wara sirt naf li jisimha Nicholette. Jien, dakinhar, minn dan id-diskors ma smajt xejn. Izda xi ftit granet wara, giet habibli Glencora, li wissietni li Steve kien qal li ma kienx kuntent mieghi, u li kien qaghad jiftahar li qed jaghmel xi xoghol ghand xi tfajla helwa hafna u tigih it-tentazzjoni. Jien affrontajt lil Steve biha din il-bicca, imma hu kien pront beda jibki u jichad u jghidli li Glencora kienet gheret ghalija. Spicca dawwarni kontriha, talli ppruvat tiftahli ghajnejja, tant li meta regghet giet biex tkellimni, jiena wissejtha biex ma tindahalx bejni u bejn Steve.*

*Sadanittant, lil hbieb ta’ Steve jien ma tantx kont nafdahom ghaliex ma kienux ta’ l-affari taghhom, u ghalhekk ma tantx xtaqt li nsir midhla taghhom. Imma qisu f’dan l-istess zmien li qed nghid, Steve kien ta’ spiss jinsisti sabiex niltaqghu ma’ koppja hbieb tieghu. Jiena, ghall-bidu ma stajtx nifhem ir-raguni ghaliex Steve kien daqshekk herqan li niltaqghu maghhom, imma bhas-soltu, biex inzommu kuntent, jiena cedejt u accettajt li niltaqghu ma’ din Nicholette u r-ragel taghha, Lawrence. Dan kien xi gimgha wara li kienet kellmitni Glencora.*

*Sa mill-bidu li bdejna nohorgu ma’ din il-koppja, indunajt li Nicholette ma tantx kellha grazzja mieghi u fil-fatt ma tantx kont xtaqt li nibqghu niffrekwentawhom, izda Steve dejjem baqa’ jinsisti sabiex nzommu kuntatt maghhom. Minhabba f’hekk, konna nispiccaw naghmlu l-ikliet maghhom specjalment fil-kamra li kellna r-Ramla ta’ San*

*Tumas. Darba minnhom, Steve ried illi norqdu hemmhekk u ghalkemm jiena ma ridtx, urieni li jekk nikkuntrarjah sa niggieldu, u alluna ghalaqt halqi biex ma ndahhkux nies bina. F'daqqa wahda, Steve u Nicholette telghu d-dar ghal-lozor u ma riedux lil Lawrence maghhom. Bil-wicc tost kollu, telqu wahedhom fl-istess karozza, u lili hallewni wahdi ma' Lawrence, li kont ghadni kemm sirt nafu. Damu ma gew xi siegha meta biex titla' z-Zejtun mir-Ramla ma ghandekx aktar minn hames minuti. U mbaghad matul il-lejl qaghdu jidhku u jiccaccraw. Din il-kunfidenza zejda, jien ma ghogbitni xejn.*

*Imbaghad ghall-ewwel tas-sena, Steve ried illi nitilghu Ghawdex ma' Nicholette u Lawrence ovvjament. Ghall-darb'ohra tlajt kontra qalbi, u tlajna b'vann wiehed u kellna noqoghdu fl-istess 'flat'. Il-ftit granet li ghamilna hemm kienu nfern ghalija. Steve u Nicholette il-hin kollu ghaddejjin b'hafna cajt u kliem doppju sens, u lejl minnhom sahansitra sibthom jaraw film pastaz flimkien. Darb'ohra, qomt u sibt li la Steve u lanqas Nicholette ma kienu hemm. Meta affrontajt lil Steve, tghidx kemm ghajjarni u qalli li nghir ghalih.*

*L-attitudni ta' Steve ma flahthiex aktar u meta gejna lura minn Ghawdex ghamilthielu cara li jiena ma ridtx aktar hbiberiji ma' Nicholette. Fil-fatt, hi ma kinetx regghet cemplet biex nohorgu flimkien, imma Steve xorta baqa' jiltaqa' maghha, ighid li jmorru jistaghdu u lili ma jkunx iridni maghhom ovvjament.*

*Sadanittant Nicholette harget tqila, u Glencora giet qaltli illi t-tarbija kienet ta' Steve, ghax hekk kien ftahar ma' Jason, il-'boyfriend' taghha. Steve ghamel hafna xenati u guramenti, u sahansilra ried jehodni ghand Nicholette biex tghidli li mhux veru. Jiena avolja Jason baqa' jinsisti li dak id-diskors qalulu Steve stess, spiccajt biex emmint lil Steve, u bqajt mieghu imma llum naf li veru t-tarbija kienet tieghu, ghax mhux talli ammetta mieghi meta gejna biex nisseparaw, talli t-tarbija tghix mieghu, u issa hu u Nicholette se jkollhom tarbija ohra. Sahansitra Steve jaghmillu l-party hu stess lit-tifel ta' Nicholette "from Mum and Dad", u jkollu l-wicc tost li jigi jistieden lil Naomi wkoll.*

*Sa minn hmistax qabel ma twieldet din it-tarbija, Steve beda jgib ruhu bhal wiehed mignun u ma kienx ikun jaf fejn ser jaqbad jaghti rasu. Wara li Nicholette kellha t-tarbija f'Lulju 2001, Steve kien tani xebgha ghaliex irrifjutajt li naghti l-'breast pump' tieghi lil Nicholette, kif riedni hu. Sadanittant, beda jsib kull skuza sabiex jitlaq mid-dar, u kien jaghmilli hafna kundizzjoniijiet stupidi biex isir impossibli li nibqghu nghixu flimkien. Hafna regoli ta' l-imgienen fuq il-facendi. Imbaghad, beda jinsisti li nixtrilu vann halli jkun jista' jarma ghal rasu bhala 'electrician' u sa anke kkonvincini niehu 'loan' mal-bank f'ismi, biex hu jkun jista' jibda l-'business'. Jien, dejjem bit-tama li nzommu kwiet, kont nikkuntentah f'kollox.*

*Fil-fatt, Steve veru li beda jahdem ghal rasu, izda flus ghalija u ghat-tifla xorta qatt ma gab. Anzi kien ikolli mmantnih jien mill-paga tieghi u llum ghandi l-bank jigri warajja fuq id-dejn li assuma r-responsabbilta' ghalih Steve skond il-kuntratt tas-separazzjoni.*

*Fl-ahhar mill-abhar, Steve qalli li ma jridx jibqa' aktar mieghi meta, wara hafna nsistenza da panti ta' ommi, tlajna Ghawdex mal-familja tieghi. Holoq glieda fuq ix-xejn, u nizzilni mill-karozza, u kelli nimixiha sal-post fejn konna qed noqoghdu. Kont cempilt lil Dun Anton, qassis miz-Zejtun, li pprova jghinna sabiex insalvaw iz-zwieg, izda Steve kien aktar determinat li jsalva gildu bil-gideb milli z-zwieg. Meta konna Ghawdex stess, Steve kien ammetta mieghi li kien ilu ma' Nicholette minn xi sentejn wara li zzewwigna, li t-tarbija ta' Nicholette kienet minn tieghu, u li Nicholette ma kenitx l-ewwel mara li qalibhieli maghha.*

*Fil-fatt, wana li sseparajna jien u Steve, hija Conrad kien qalli illi anke waqt iz-zwieg, Steve kien jiftahar li jmur ma' prostituti, u ken semmielu anke lit-tfajla Christine, it-tfajla Kanadiza li kienet cemplitlu wara li jiena kont hrigt tqila, u li din tghidx kemm kienet tinqala' ghas-sess. Mhux ta' b'xejn ma kienx baqa' jfittixni lili!"*

Illi apparti mix-xhieda taghha, l-attrici pprezentat ukoll l-affidavits ta' **Attilio Montebello,** ta' **Maria Assunta Montebello** u ta' **Conrad Montebello**.

**(ii) PRINCIPJI LEGALI.**

Illi l-attrici fil-premessi tac-citazzjoni taghha qed tattribwixxi n-nullita' taz-zwieg in ezami fuq:-

"*Illi l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat ghax kien soggett ghal vjolenza morali jew biza';*

*Illi l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat ukoll b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha;*

*Illi l-kunsens inghata bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew ghad-dritt ghall-att taz-zwieg."*

Illi l-**Att dwar iz-Zwieg (Kap 255), Artikolu 19 (1)** jipprovdi li hemm annullament taz-zwieg:

"**(a)** *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew biza';*

**(d)** *il-kunsens tal-partijiet, jew ta' xi wahda minnhom, kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b' anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg; u/jew*

**(f)** *il-kunsens ta' wahda mill-partijiet kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga".*

Illi dwar l-**artikolu 19(1) (a) tal-Kap 255** din il-Qorti kif presjeduta fis-sentenzi **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP deciza fil-21

ta' Ottubru 1999) u **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** (Cit. Nru. 1019/98/RCP deciza fid-9 ta' Marzu 2000) diga` kellha okkazjoni tistudja dan is-sub-artikolu ghal dak l-aktar li jirrigwarda biza' u ghalhekk din il-Qorti taghmel riferenza ghall-istess sentenzi u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi kif inghad fil-kaz **"Carmelo sive Charles Saliba vs Mary Saliba"** (P.A. (VDG) deciza fl-14 ta' Awissu 1995):-

*"… … biex pressjoni ndipendentement minn konsiderazzjonijiet ohra, tista` tinvalida l-kunsens matrimonjali, din il-pressjoni trid tammonta ghal vjolenza morali jew biza' esterna ta' natura rrezistibbli, cjoe` trid tkun pressjoni li ddeterminat kompletament l-ghoti ta' dak il-kunsens."*

Illi *inoltre* fis-sentenza **"Anna Magro apparentement mizzewga lil Victor Rizzo vs Victor Rizzo"** (P.A. (SBC) deciza fit-13 ta' Marzu 1984) saret espozizzjoni tal-kuncett ta' vjolenza u biza' f'din il-materja. L-espert f'dik il-kawza jsostni li sabiex vjolenza morali twassal ghal effett li jinvalida:-

*"trid tkun (i) ingusta, (ii) gravi, u (iii) determinanti."*

Illi wkoll, fil-kaz "**Anthony Gatt vs Doreen Gatt"** (P.A. (F.D.) deciza fil-25 ta' Gunju 1993), l-espert tal-Qorti fisser li:-

*"… il-vjolenza morali trid tkun ta' natura tali li tkun invincibbli u ma taghti ebda possibilta` lil min ikun li jisfuggi minnha."*

Illi l-biza` tista` tkun ukoll *"reverenzjali"* bhal per ezempju l-biza` lejn genitur jew superjur. Fil-kaz **"Shirley Anne mart Abdul Fatah xebba Perry vs Dr. A. Mifsud et"** (P.A. - 22 ta' Novembru 1982), il-Qorti spjegat:-

*"Il-biza` ta' nies li huma superjuri jew il-genituri tista' f'certi kazi tkun tali li taffetwa l-kunsens. B'dan mhux qed jigi ntiz, biza` fis-sens ta' suggizzjoni esagerata, imma trid*

*tkun gravissima u ta' certa entita`. L-indinjazzjoni tal-ġenituri kbira kemm tkun kbira ma ghandhiex tigi konsiderata bhala gravi. Il-biza` li wiehed jitkecca mid-dar jew li jitlef xi wirt, jew li jsofri xi danni finanzjarji mhux bizzejjed. Izda jekk ikun hemm theddid, glied spiss, u minacci serji u gravi, dawn jistghu jaffetwaw il-persuni b'biza` li taqa' taht l-**artikolu 19 (a)**".*

Illi pero' mill-provi prodotti ma ngabet ebda prova dwar fejn kienet din il-biza', u certament li mill-provi prodotti vjolenza fizika u / jew morali ma kienx hemm, u ghalhekk fuq din il-bazi t-talba attrici qed tigi michuda anke jekk il-Qorti tista' tifhem l-istat tal-attur meta rrinfaccjat minn omm u missier il-konvenuta li hija kienet harget tqila u nsistew mieghu li kellhu jsir iz-zwieg, li in verita' gie organizzat kollu minn ommha.

Illi l-attur jissottometti illi z-zwieg bejnu u bejn il-konvenuta ghandu jigi dikjarat null *inter alia* abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** li jghid:-

***(d)*** *"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg".*

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga' kellha okkazjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenza **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP – deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi fis-sentenza **"Kevin Spiteri vs Avukat Dr Renzo Porella-Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP – deciza 18 ta' Jannar 2000) il-Qorti ghamlet referenza ghall-espozizzjoni ta' ***Viladrich***:-

*"Thus, there is grave lack of discretion of judgement when it is proven that a contracting party lacks*

*intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring"* ***(Viladrich, P.J.,*** **"Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated."** *(Montreal, 1993), p. 686).*

Illi kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma *"the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics" (**Viladrich, P.J.,** op.cit., pg. 687).*

Illi wkoll fis-sentenza **"Alexandra sive Sandra Farrugia vs Raymond Farrugia"** (P.A. (VGD) 10 ta' Settembru 1997) inghad ukoll li:-

*"Kwantu ghad-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju –* ***Art. 19 (1) (d)*** *– biex ikun hemm nuqqas serju ta'*

*diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm inkapacita' psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, jew li jiddeciedi liberalment, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (**"Isabelle Zarb vs Stephen Attard"** – P.A. 21 ta' Novembru 1995). Mhix ghalhekk kwistjoni ta' nkompatibbilta' ta' karattru, jew ta' decizjoni jew decizjonijiet zbaljati. Il-paragrafu **(d)** ikompli jitkellem dwar "anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg". Il-Qorti tosserva li l-ligi taghna tirrikjedi mhux biss anomalija psikologika tkun wahda serja, izda li tkun taghmilha mpossibbli mhux sempliciment difficli, li wiehed jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg ossia jassumihom".*

Illi ghalhekk b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita` li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku **("Nicholas Agius vs Rita Agius gia Caruana"** – P.A. (VDG) tal-25 ta' Mejju 1995).

Illi li kieku l-legislatur irrikjeda maturita` shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' *discretio judicii* hu kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita` ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg. Kif jispjega l-gurista ***Colagiovanni*** meta sostna li:-

*"Il matrimonio, in quanto patto ossia "foedus" ……… richiede una capacita` intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e` per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita` di mente e di liberta`, dato che ……… si tratta di assumersi una "servitus" per tutta la vita" (**Forum**, 1990, Vol. 1 part I, p. 72).*

Illi pero`, kif gja` nghad, b'immaturita` jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju d-dottrina u l-gurisprudenza

*"non si riferiscono ad una piena e terminale maturita`, non esigono nei nubenti una conoscienza perfetta ed esaustiva di cio` che comporta il matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio` che puo compartare la vita coniugale, ne` un perfetto equilibrio volitivo-affettivo, ne` infine una conscienza perfetta delle motivazioni della scelta matrimoniale. Ecco perche` riesce piu` appropriato l' uso del termine discrezione di giudizio, che fa riferimento ad un certo discernimento ma non implica il raggiungimento di una maturita` piena"* ***(Pompedda, M.F.,*** **"Il Consenso Matrimoniale in Grocholewski"** – ***Pompedda – Zagglia,*** **"Il Matrimonio nel Nuovo Codice di Diritto Canonico"** *(Padova, 1984), p. 46).*

Illi kif gie affermat diversi drabi minn din il-Qorti, inkluz fis-sentenza **"Alessandra *sive* Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo"** (P.A. (VDG) 26 ta' Ottubru 2000) ikun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens ta' l-ewwel parti tal-paragrafu **(d)** imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, *"fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta` kritiko-estimativa jew kritiko-valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita` affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ghalhekk, ma hux sempliciment nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati – infatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju" (*ara, **"Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri"**, P.A., 10 ta' Novembru 1995).

Illi l-istess sentenza tkompli tghid *"li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, ma jammontax necessarjament ghal difett (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju* ***("Selina-Maria Vella Haber vs Joseph Gatt"****, P.A., 15 ta' April 1996)".*

Illi ghalhekk biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-**artikolu 19 (1) (d)** irid ikun hemm l-inkapacita` psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku / psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, u li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (ara f'dan is-sens, fost ohrajn, **"Jacqueline Cousin vs Bernard Simler"**, P.A., 3 ta' Gunju 1998; **"Roseanne Cassar vs Kenneth Cassar",** P.A. 19 ta' Ottubru 1998; u **"Carmelo Grima vs Mary Andrews"**, P.A., 2 ta' Novembru 1998).

Illi proprju ghalhekk ukoll il-legislatur jirrikjedi li d-difett ta' diskrezzjoni jrid ikun wiehed serju u l-anomalija psikologika tkun wahda serja.

Illi kif jispjega ***Bersini***, d-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti w interdipendenti:-

*"La piena avvertenza e il deliberato consenso … … … La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita` di giudizio e la maturita` affettiva … … … La maturita` di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all' atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita` affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita` che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta` e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi` una mancanza di consenso libero (immaturita` affettiva) e ponderato (immaturita` di giudizio)"* ***(Bersini, F.,*** **"Il Diritto Canonico Matrimoniale."** *(Torino, 1994), p. 97).*

Illi l-istess awtur, imbaghad ikompli jispjega dwar kemm irid ikun serju d-difett ta' diskrezzjoni biex wiehed ikun

jista’ jghid li hemm id-difett fil-kunsens u l-konsegwenti nullita` taz-zwieg:-

*“Se ci si chiede quale grado di discrezione di giudizio possa ritenersi proporzionato al matrimonio, rispondiamo anzitutto che, sia per la conoscenza intellettiva come per la deliberazione volitiva, dovra’ essere maggiore di quello richiesto per peccare mortalmente e per stipulare gli altri contratti. Il motivo sta nel fatto che il consenso matrimoniale riguarda obbligazioni che si proiettano nel futuro ed e` ordinato all’ assunzione di uno stato di vita che incide su tutta l’ esistenza con un contratto perpetuo e irrescendibile che comporta una serie di gravi obblighi ad esso inerenti. Per dare un valido consenso, non e` sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e` il matrimonio; e` necessaria la maturita` di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e` necessaria la discrezione non tanto per l’ atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell’ atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico, religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l’ eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrate, per qualsiasi motivo, la capacita` intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravamente alterata o addirittura mancante, si dovra` ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio”* (*ibid.* pp. 97-98).

Illi hawnekk il-Qorti, pero`, tixtieq tippreciza li ghazla libera, kunsens hieles, ghar-rabta taz-zwieg mhux sinonimu mal-kuncett ta’ ghazla facli, u dan kif gja` gie ndikat fis-sentenzi fuq kwotati, tant li nghad li:-

*"… … ... se il sogetto non e` in grado di superare [i] condizionamenti interiori, allora si dira` che la scelta di lui non e` stata libera; lo sara` invece qualora pur pressato da tali impulsi provenienti dal proprio psichismo, da un' affettivita` non sufficientemente matura o anomala, e quindi anche di fronte a conflitti interiori, sara` stato capace di superarli, di dominarli razionalmente, di scegliere con autonomia ... ... ... In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe` col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa` coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei riguardi della prole"* (***Pompedda, M.F.,*** **"Incapacita` di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento."** (Bologna, 1991), pp. 231, 233*).*

Illi kwantu ghad-difett fil-kunsens dovut ghall-anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, il-ligi taghna, bhad-dritt kanoniku **{Can. 1095 (3)}** tirrikjedi mhux semplici diffikulta` izda mpossibbilta` li wiehed jaqdi *ossia* jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Inkapacita` jew impossibbilta` vera f'dan il-kuntest hi ipotizzabbli biss fil-prezenza ta' anomalija psikologika serja li, independentement minn kif wiehed jaghzel li jiddefiniha jew jiklassifikaha fil-kamp tal-psikjatrija jew tal-psikologija, tintakka sostanzjalment il-kapacita` *"di intendere e/o di volere". "L' incapacita` di assumere gli oneri essenziali della vita coniugale",* jghid il-***Bersini****, "rende la persona inabile al matrimonio, anche nell' ipotesi … … … che al momento di contrarre le nozze abbia avuto la discrezione di giudizio sufficiente per un valido consenso"* (op. cit., *p. 99).*

Illi ghal dak li jirrigwarda l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u

nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi dawn huma *"the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics"* (***Viladrich, P.J.**,* op. cit., p. 687).

Illi tal-istess portata huma s-sentenzi **"Anthony Gaffiero vs Juanita Gaffiero nee' Sultana"** (P.A. (VDG) 17 ta' Novembru 2000 u **"Anna Galea vs John Walsh",** (P.A. (VDG) tat-30 ta' Marzu 1995). Inerenti, ghalhekk, f'dawn l-obbligazzjonijiet hemm l-obbligu tal-partijiet li jaghtu lilhom infushom lil xulxin fit-totalita` taghhom sabiex tigi stabbilita bejniethom *"the community of life and love".*

Illi fl-ahharnett din il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li nghad fis-sentenza fl-ismijiet **"Nathalie O'Toole vs Patrick O'Toole"** (P.A. (N.A.) 25 ta' Marzu 2002) fejn inghad li:-

*"Il-kunsens moghti fiz-zwieg skond din l-istess gurisprudenza mhuwiex dak il-kunsens semplici rikjest fil-kuntratt in generali ghaliex il-kuntratt taz-zwieg huwa wiehed "sui generis" u ta' ordni pubbliku. Illi ghalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' zwieg mhux biss irid ikollhom il-kapacita' li jaghtu dak il-kunsens, izda li l-istess irid jigi moghti bl-aktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taz-zwieg. Il-kuntratt taz-zwieg ghandu jigi apprezzat mhux biss bl-ghajnejn oggettivi tal-ligi,*

*izda jrid isib is-sinifikat tieghu fir-relazzjonijiet ta' koppja u l-iskop ahhari taz-zwieg, cjoe' li tnejn minn nies jaghtu lilhom nfushom lil xulxin ad eskluzjoni ta' kollox u kulhadd. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma jkunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu z-zwieg, allura jinholoq dubju kemm dak il-kuntratt matrimonjali huwa wiehed validu."*

Illi kif inghad fis-sentenza **"Al Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002) *inoltre* l-kunsens irid ikun wiehed tali li permezz tieghu l-parti li tesprimih trid tkun konxja ta' l-obbligi, d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga bhal ma huma l-elementi ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli.

Illi dawn il-principji kollha gew kkonfermati f'diversi sentenzi moghtija minn din il-Qorti nkluzi **"Maria Rita Calleja vs Mohamed Ben Mohamed Khemiri"** (P.A. (RCP) 17 ta' Frar 2000); **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** (P.A. (RCP) 9 ta' Marzu 2000); **"Ousama Sadalah vs Doris Tanti"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000); **"Josephine Gabriel vs Dr. Georg Sapiano et nomine"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Mazen Dadouch vs Maria Dadouch xebba Galea"** (P.A. (RCP) 22 ta' Marzu 2002); **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002); **"Marco Tanti vs Catherine Azzopardi"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002); u **"Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2002) fost ohrajn.

Illi min-naha l-ohra fl-**Artikolu 19 (1) (f)** jinghad ukoll li z-zwieg ikun null:-

*"***art.19 (1) (f)** *"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg".*

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta' Marzu 2000) u **"Mark Spiteri vs Susan Margaret Spiteri"** (P.A. (RCP) 27 ta' Frar 2001) u a skans ta' ripetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi *inoltre* fis-sentenza **"Theresa Taguri nee Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe"** (Cit. Nru. 3130/96/NA – deciza P.A. (NA) fl-10 ta' Novembru 1999) gie ritenut illi:-

*"Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens".*

Illi tal-istess portata huma s-sentenzi **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) 1 ta' Frar 2001); **"Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano nomine"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Carmen El Shimi gja` Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi"** (P.A. (NA) 20 ta' Gunju 2000); **"Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim"** (P.A. (NA) 31 ta' Mejju 2000); **"Ousama William Hfez Sadallah vs Doris Dalli"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000) u **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002 Cit. Nru. 793/01/RCP).

### (iii) Apprezzament ta' Provi

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-kontendenti ltaqghu flimkien meta l-attrici kellha biss (14) erbatax-il sena u mill-ewwel jidher li kienu laxki fir-relazzjonijiet taghhom tant li bla tlaqliq l-attrici tghid li hija kien ikollha x'taqsam mal-konvenut regolarment qabel iz-zwieg, bil-konsegwenza naturali li l-istess attrici harget tqila u minhabba dan iddecidew li jizzewgu. Fil-fatt dan sehh fil-15 ta' Frar 1997 u t-tarbija Naomi twieldet f'Awissu 1997.

Illi r-relazzjonijiet tal-kontendenti waqt iz-zwieg lanqas jirrizultaw li kienu tajbin *stante* li partikolarment il-konvenut ried jibqa' jghix il-hajja tieghu bla responsabbilta` ta' xejn u fil-fatt, almenu skond ix-xhieda hawn prodotta, jidher li l-fedelta` u l-lealta` lejn martu ma kienitx wahda mill-principji li kien jghozz.

Illi fid-dawl ta' dan kollu jirrizulta car u bla ebda dubju li l-ebda wahda mill-partijiet ma kienet fi stat mentali li jkollha konoxxenza u kapacita` li tifhem x'inhuma d-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali fiz-zwieg u dan minhabba kemm l-eta` tenera tal-istess kontendenti, u partikolarment minhabba l-fatt li d-decizjoni sabiex il-partijiet jinghaqdu fiz-zwieg ittiehdet unikament minhabba l-fatt li l-attrici nqabdet tqila. Ghalhekk dan iwassal sabiex din il-Qorti tikkonkludi li hemm vizzju ta' kunsens da parti tal-partijiet minhabba difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, kollox abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255.**

Fil-fatt jinghad li l-konsiderazzjonijiet tal-partijiet sabiex jidhlu f'din ir-rabta legali tant kienu skarsi li lanqas biss ma hasbu, u in verita` fic-cirkostanzi li kienu lanqas setghu jahsbu fuq l-affarijiet materjali li ghandhom l-importanza taghhom meta wiehed jigi biex jistabbilixxi familja gdida. Fil-fatt meta zzewgu ma kellhom xejn u ma hasbu ghal xejn, tant li marru jghixu ghand il-genituri tal-konvenut minghajr wisq success; ahseb u ara kemm kien hemm hsieb u konoxxenza dwar dawk li huma l-elementi essenzjali taz-zwieg.

Illi fil-kaz tal-konvenut jinghad ukoll pero` li din id-decizjoni sabiex jizzewweg apparti li hadha in konsiderazzjoni tal-fatt li huwa kien missier kreatura li gejja fid-dinja mill-attrici, huwa kien rizolut li fl-istess zwieg xorta jibqa' jghix kif kien qed jghix, hajja ta' guvni, b'relazzjonijiet extra maritali li komplew, hafna drabi fl-apert ma' persuni ohra. L-aghar f'dan kollu kien li kien jiftahar bl-istess kapricci tieghu apertament, u certament dan jindika li l-kunsens tieghu kien vizzjat bl-eskluzjoni posittiva ta' wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe` l-element tal-fedelta`. Ghalhekk hemm bazi ta' annullament ta'

zwieg ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut anke *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255**.

Illi dwar l-**artikolu 19 (1) (a) tal-Kap 255** mill-provi prodotti dan ma jirrizultax assolutament li gie ppruvat u ghalhekk it-talba attrici ghandha tintlaqa' biss abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255.**

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara li z-zwieg celebrat bejn il-partijiet nhar il-15 ta' Frar 1997 huwa null u bla effett fil-Ligi *ai termini* ta' l-**Artikolu 19 (1) (d) (f) ta' l-Att dwar iz-Zwieg ta' l-1975**, ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn iz-zewg partijiet.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------